MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1719/2004

**Keith Desmond Falzon**
**Vs**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fid-9 ta' Settembru, 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut jiġi kkundannat jirritorna kompjuter u l-aċċessorji relattivi u l-oġġetti personali kollha ta' l-attur maqbuda mill-konvenut fl-20 ta' Frar, 2004 permezz ta' mandat ta' tfittxija jew alternattivament jiġi kkundannat iħallas il-valur ta' l-istess.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

Tgħid għaliex m'għandekx tiġi kkundannat tirritorna kompjuter u l-aċċessorji relattivi u l-oġġetti personali kollha ta' l-attur maqbuda minnek fl-20 ta' Frar, 2004 (Dok. A u Dok. B), permezz ta' madat ta' tfittxija datat 20 ta' Frar, 2004m jew alternattivament tiġi kkundannat tħallas lill-attur il-valur ta' l-istess prevja d-dikjarazzjonijiet

kollha meħtieġa prevja d-dikajrazzjonijiet kollha meħtieġa skond il-liġi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 22 ta' Lulju, 2004 u bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata ta' l-avviż ilkoll kontra l-konvenut li huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni.

Ra r-risposta fejn ingħad:-

Illi l-konvenut jirrispinġi l-pretensjonijiet tiegħek bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-konvenut mhux f'pożizzjoni li jirrilaxxja l-kompjuter u l-aċċessorji relattivi u l-oġġetti kollha maqbuda skond Dok. A u B (preżentati mill-attur) u dan stante proċeduri kriminali li ġew istitwiti kontra l-attur mill-Pulizija u f'liema proċeduri l-oġġetti kollha mertu tal-kawża odjerna se jiġu esebiti bħala evidenza.

Illi għalhekk il-konvenut m'għandux iħallas l-ispejjeż.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi t-talbiet attriċi fil-kawża odjerna huma alternattivi billi l-konvenut qed jiġi mitlub jiġi kkundannat jew jirritorna l-affarijiet jew iħallas il-valur ta' l-affarijiet minnu miżmuma illegalment.

Dan it-Tribunal qed ikun f'opportunita` li jiddeċiedi fuq materja simili fis-sens illi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija limitata sempliċement ghall-"money claims" u ma hemm l-ebda lok li jista' jikkundanna għar-ritorn ta' oġġetti. Di fatti għandha ssir riferenza għas-sentenza deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet ta' "l-Avukat Dr Damian Damian von Schembri vs Edith Mintoff" a skans ta' repetizzjoni l-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal ġiet limitata għall-kwistjoni

ta’ talbiet ta’ flus u għalhekk l-ewwel alternattiva magħmula mill-attur ma tistax tiġi akkolta.

Rigward it-tieni talba, l-attur qed jirreklama li għandu jitħallas il-valur ta’ oġġetti miżmuma. L-attur huwa sottomess għall-investigazzjoni kriminali in konnessjoni ma’ l-allegat kummissjoni ta’ reat u dawn l-oġġetti ġew elevati in konnessjoni ma’ l-istess.

L-attur għaddej kumpilazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti u dawn l-oġġetti minnu reklamati qed jiġu esebiti mill-istess Pulizija li qed tesebixxi oġġetti u li wara ma kellhiex bżonn qed jiġu lilu ritornati.

Jingħad ukoll għal kull buon fini li l-attur naqas li jistipula l-valur ta’ l-oġġetti minnu riklamati.

Fiċ-ċirkostanza tal-kaz it-Tribunal iħoss li t-talbiet attriċi m’għandhomx jiġu milqugħa.

It-Tribunal jiddeċiedi għalhekk billi fil-waqt li jilqa’ l-allegazzjoni tal-konvenut, jiċħad it-talbiet attriċi u stante ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ il-kap ta’ l-ispejjeż għandu jibqa’ bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------